# Ma’ MARIJA nitolbu r-RUŻARJU



## Intenzjonijiet għal kull jum ta’ Ottubru

1. Għall-għaqda u l-fedeltà fil-familja
2. Għat-trobbija tajba tat-tfal
3. Għal relazzjonijiet pożittivi bejn iż-żgħażagħ u l-ġenituri
4. Biex il-membri kollha tal-familja jkunu strument ta’ paċi
5. Biex jiżdiedu l-insara li jaħdmu b’riżq il-ġid sħiħ tal-familja
6. Biex il-politiċi jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet b’riżq il-familja
7. Biex qatt ma jonqos it-talb fi ħdan il-familji
8. Għall-għaqdiet, gruppi u individwi li jaħdmu b’riżq il-familja
9. Għall-koppji li għandhom bżonn għajnuna u qed isibuha iebsa biex ifittxuha
10. Għal dawk il-koppji li qed isoffru l-aktar minħabba l-infedeltà
11. Biex il-ġenituri li għandhom uliedhom miżżewġin jirrispettaw l-istat tagħhom u jkunu ta’ appoġġ tajjeb għalihom
12. Biex l-għarajjes jiffurmaw familji skont il-qalb ta’ Alla
13. Biex il-miżżewġin ġodda jibnu imħabbithom fuq il-Kelma ta’ Alla
14. Biex il-Mulej jagħti tama u kuraġġ lill-koppji li qed jistennew tarbija
15. Għall-miżżewġin li m’għandhomx tfal
16. Biex ir-romol ikunu mgħejjuna fis-solitudni tagħhom
17. Biex l-edukaturi jrawwmu fl-istudenti il-ħiliet meħtieġa għall-ħajja
18. Biex jinstab bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja
19. Għan-nies tal-mezzi tax-xandir ħalli joħolqu klima li ssaħħaħ il-familja
20. Biex il-kisba tal-karriera ma ttellifx mill-ħin tal-familja
21. Biex dawk li jipprovdu divertiment jirrispettaw il-ħajja tal-familja
22. Biex kulħadd jirrispetta bil-kliem u l-fatti d-drittijiet tal-familja
23. Għall-familji bi problemi finanzjarji jew ta’ użura
24. Għall-familji li għandhom ulied bi bżonnijiet speċjali
25. Għall-familji bi problemi ta’ vjolenza domestika
26. Għall-familji li qed jippruvaw jerġgħu jsibu l-għaqda
27. Għall-familji bi problemi ta’ mard, qgħad u ħabs
28. Għall-familji bi problemi ta’ droga, xorb, logħob u vizzji oħra
29. Għall-familji biex minnhom jinbtu vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi
30. Għall-koppji li huma ta’ reliġjonijiet differenti biex b’rispett reċiproku jikbru fl-għaqda u l-paċi
31. Biex nirringrazzjaw ’l Alla għat-tajjeb.



PARROĊĊA TA’ ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA’ SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## DAK L-IMBEREK TRAVU …

**Faċli naraw t-tibna f’għajn ħutna u ninsew it-travu f’għajnejna**
Kemm hu faċli tkabbar id-difett ta’ ħaddieħor biex tgħatti tiegħek. Din narawha kullimkien: fid-dar, fuq il-post tax-xogħol, fuq il-monti u f’xi ħwienet, fuq il-mezzi ta’ komunikazzjoni soċjali bħal Facebook, u anke saħansitra fil-knisja. Iva, xi drabi bħal donnu l-knisja, fejn suppost immorru biex nitolbu u nerfgħu ħsibijietna lejn il-Mulej biex nitgħallmu nħennu u nagħmlu l-ġid lil xulxin, tinbidel f’awla tal-qorti fejn kliemna jew l-attitudnijiet tagħna bħaldonnu jsiru ta’ maġistrat mill-iktar ħorox. Kemm-il darba ngħaddu kummenti bħal *‘Ma tistħix din b’dik il-libsa?’* jew *‘Dik kif telgħet taqra?’* jew *‘Dik x’ġiet tagħmel b’dak it-tifel?’* Filwaqt li d-diċenza fl-ilbies trid tkun u r-rispett lejn l-oħrajn u lejn id-Dar t’Alla bħala post qaddis m’għandhom jonqsu qatt, ma jistax ikun li rridu nagħrblu lil kollox u lil kulħadd u l-ħin kollu. U miskin hu min ma jgħaddix mill-għarbiel fin tagħna!

**Ma Nilagħbux bil-Kliem**
Biss mill-banda l-oħra, xi drabi mmorru l-estrem l-ieħor u naraw li bl-iskuża ta’ *‘Għax ma rridx niġġudika’* naraw li nibqgħu imparzjali: biex la nfuħu u lanqas nintnu, u hekk nimitaw jew saħansitra nkunu aħjar minn Pilatu fil-ħasil tal-idejn! Inkella kif wieħed jiftaħ ħalqu u jgħidilna xi ħaġa li ma ddoqqx għal widnejna, inkunu pronti ngħidulu: *‘Għax int qed tiġġudikani.’* Il-ġudizzju ma jfissirx li ma nagħtux opinjoni jew li ma niffurmawx ħsieb dwar xi ġrajja jew xi ħaġa li tkun seħħet jew intqalet.

**Mill-Opinjoni għall-Ġudizzju**
Opinjoni tfisser li wieħed jifforma l-idea tiegħu dwar xi ħaġa filwaqt li l-ħin kollu jagħraf il-possibiltà li jaf jintebaħ b’ċirkustanzi li juruh mod ieħor, u hekk ljista’ jkun żbaljat. Hekk b’opinjoni ma jfissirx li wieħed jasal għal konklużjoni ċerta u anke jekk jasal s’hemm, ma jgħidx li persuna hija ħatja fuq dawn il-konklużjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, li wieħed jiġġudika lil xi ħadd ifisser li jpoġġi ruħu bħala mħallef u jaqta’ s-sentenza. Hekk iħalli l-opinjoni tiegħu issir konvinzjoni li ħadd u xejn ma jibdillu, filwaqt li jasal għal konklużjonijiet li jħalluh jara biss mil-lenti tiegħu. Mela jekk naslu li l-opinjonijiet tagħna, bħalma jgħid il-Malti, isiru vanġelu, jekk naslu għal konklużjonijiet dwar xi ħadd mingħajr ma nkunu nafu l-istorja kollha u ngħaddulhom sentenza, hemmhekk inkunu qed ngħaddu ġudizzju, li bil-mod li jkun sar żgur li jkun nieqes minn kull kriterju ta’ ġustizzja u karità nisranija.

**Mill-Arrogranza għall-Ġenerożità**

Storja ħelwa li bqajt niftakar hija dik ta' mara li kellha taqbad titjira u minħabba li kien se jkollha diversi sigħat ta' stennija f'ajruport kbir, marret xtrat ktieb u pakkett galletini biex tgħaddi l-ħin. Serħet fuq pultruna komda biex tkun tista' toqgħod tistenna bil-kwiet u ntefgħet taqra. Fil-pultruna ta' maġenbha, poġġa raġel, fetaħ gazzetta u beda jaqra wkoll. F'ċertu ħin, il-mara, mitlufa fil-ktieb, niżżlet idha biex tieħu gallettina, u kompliet. Ir-raġel għamel l-istess. Medd idu u ħa gallettina. Il-mara ma qalet xejn imma f'qalbha qalet: *'Dan kemm hu pastaż. Kieku mhux għax inħossni għajjiena ntih xebgħa lsien.'* U baqgħu sejrin hekk, hi tieħu gallettina u hu jieħu oħra. Il-mara fferuċjat imma ma kellhiex aptit tagħmel xenati. X'ħin waslu għall-aħħar gallettina, qalet: *'Ħa nara x'se jagħmel ħa dal-pastaż!'* Ir-raġel ħa l-aħħar gallettina, qasamha min-nofs, ta biċċa lilha u n-nofs l-ieħor kielu hu. Il-mara, quddiem din l-ardità, nefħet tnejn sewwa, tagħtu ħarsa li biha fissritlu kulma kienet xtaqet tgħidlu, qabdet il-basket u telqet 'l hemm għax kien sarilha l-ħin biex tirkeb l-ajruplan, mitlufa taħseb dwar dak ir-raġel arroganti. Meta poġġiet fl-ajruplan, fetħet il-basket biex iġġib xi ħaġa u hemm lemħet il-pakkett tal-gallettini li kienet xtrat! Riedet l-art tiblagħha għax il-pastaż wara kollox ma kienx dak ir-raġel imma hi li, mitlufa fil-qari kif kienet, kilitlu nofs il-pakket gallettini daqslikieku kien tagħha filwaqt li fferuċjat għalih, mentri hu, sa kien qasam magħha l-aħħar gallettina!

**Bla Skużi, imma b'ħafna Umiltà ejjew nikbru fil-Verità u l-Imħabba**

Minn żmien għal żmien, Papa Franġisku jħobb iwissina biex noqogħdu attenti mill-ġudizzji u biex, bħal dil-mara tal-istorja, ma nikkundannawx lill-oħrajn. Kemm-il darba jiġrilna li ngħidu: *'Le ta', mhux jien kont'* jew *'Min jien? Jien m'għedt xejn'* jew *'U iva, imma ma qlajtx ħafna nkwiet ta'. Ħaddieħor jagħmel agħar minni.'* Filwaqt li huwa iktar faċli li nakkużaw lill-oħrajn, meta rridu nkunu serji magħna nfusna u naraw dak li tassew aħna b'mod sinċier, aktarx li nħossuna ddiżgustati bina nfusna. Imma mbagħad, jekk niffaċjaw dak li aħna b'onestà, niksbu ċerta paċi tal-qalb u nkunu kapaċi nitolbu maħfra. Meta naraw tassew it-travu li jkun hemm f'għajnejna, imbagħad ma nibqgħux daqshekk pronti niġġudikaw lill-oħrajn għax naslu biex ngħidu, bħalma kien jgħid wieħed mill-patrijiet tad-deżert, taqbila pjuttost goffa imma tassew vera: *'Il-kelb aħjar minni għax il-kelb jaf iħobb bla ma jiġġudika.'*

## Il-Jiem u l-Ħinijiet tad-Duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:

| | |
|---|---|
| **Subien** | |
| *Mill-Yr 1 sal-Yr 5*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-5:30pm u s-6:25pm |
| *Mill-Yr 6 'il fuq*: | Kuljum (barra l-Erbgħa) bejn is-7:00pm u t-8:00pm |
| **Bniet** | |
| *Mill-Yr 1 sal-Yr 4*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-4:45pm u l-5:30pm |
| *Mill-Yr 5 sal-Fm 2*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn is-5:45pm u s-6:30pm |
| *Mill-Fm 3 'il fuq*: | It-Tnejn u l-Ħamis bejn is-6:45pm u s-7:15pm |





| | |
|---|---|
| It-Tnejn 1 ta' Ottubru | **Bidu tas-Sena tal-Katekiżmu**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa għat-tfal kollha, flimkien mal-ġenituri, li jattendu d-Duttrina fil-MUSEUM (Subien u Bniet), li fiha nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu. |
| Il-Ħamis 4 ta' Ottubru | **Jum l-Ambjent** - Festa ta' San Franġisk ta' Assisi |
| Il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 7 ta' Ottubru | **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**<br>Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna<br>Fis-6:30pm - Purċissjoni li matulha jingħad ir-Rużarju u tagħlaq b'ċelebrazzjoni Ewkaristika. |
| L-Erbgħa 10 ta' Ottubru | **Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: *234 sena (nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*** |
| Il-Ħamis 11 ta' Ottubru | Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri u l-Parrini ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-MUSEUM tas-Subien. |
| Il-Ħadd 14 ta' Ottubru | **Jum it-Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**<br>Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni. |
| Il-Ħamis 18 ta' Ottubru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri ta' dawk li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-MUSEUM tas-Subien. |
| Il-Ħadd 21 ta' Ottubru | **Jum il-Missjoni** |
| *Mit-Tnejn 22 sal-Ġimgħa 26 ta' Ottubru* | *Ġimgħa speċjali ta' Preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof* |
| Il-Ħamis 25 ta' Ottubru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 28 ta' Ottubru | **Jum il-Bibbja u l-Griżma tal-Isqof**<br>Fl-4:00pm - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof<br>*Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm.* |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Keyan Mizzi
Sarah Zammit Hayman

***Nitolbu għalihom!***